# INTI SALV SKOND IL-BIBBJA?

- Il-Mulej qal: "Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; jgħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin (Mattew 15:9) – Inti żgur minnek innifsek li mintix mgħallem preċetti tal-bnedmin?
- "…Jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet il-kastigi msemmija f'dan il-ktieb…" (Apk. 22:18) – Inti żgur minnek innifsek li m'intix ikkas-tigat? Fiha l-Bibbja tiegħek 39 ktieb biss ta' l-antik Testment u 27 ktieb biss tat-Testment il-Ġdid?
- "U jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-pro-fezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-ħajja u mill-belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb" (Apk. 22:19) – Inti żgur minnek innifsek li għandek sehem mill-ktieb tal-ħajja billi ma neħħejt xejn mill-Iskrittura Mqaddsa?
- Għax il-profeti kollha, kif ukoll il-liġi, ħabbru sa żmien Ġwanni" (Mattew 11:13) – Inti żgur minnek innifsek li qiegħed timsa' lill-Mulej?
- "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirjietna ħafna drabi u b'ħafna man-jieri permezz tal-profeti. *Issa*, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu,…" (Lhud 1:1) – Inti żgur minnek innifsek li qie-għed tisma' minn Kristu u mhux mill-profeti ta' l-Antik t-Testment?
- "Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u *daħħalna* fis-saltna ta' Ibnu l-maħ-bub" (Kolossin 1:13). "Mela rroddu ħajr lil Alla għax aħna *ħadna* saltna li ma titħarrikx;…" (Lhud 12:28) – Inti żgur minnek innifsek li qiegħed *issa* fis-saltna jew kont mgħallem int lis-saltna għad trid tiġi?
- "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll" (2 Korintin 13:13-14) – inti żgur minnek innifsek li Alla miegħek?
- "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu" (Mattew 28:19) – Inti żgur minnek innifsek li temmen fl'*isem* ta' Alla muri f'dan il-vers? Inti għallmuk *qabel* ma għammduk kif irid Alla?
- "…Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat" (Mark 16:15, 16) – Inti emmint *qabel* tgħammidt ħalli ssalva?
- "Għalhekk *dawk li laqgħu kliemu* tgħammdu…." (Atti 2:41) – Inti lqajt il-Kelma *qabel* tgħammidt ħalli tkun miżjud/a biss fil-knisja li waqqaf Kristu? (Atti 2:47).
- "Ġesù, wara li tgħammed, minnufih tela' mill-ilma…" (Mattew 3:16; Rumani 6:3-5; Mark 9:10) – Inti żgur minnek innifsek li tgħammidt billi *ndfint* ġo l-ilma u wara ħriġt mill-ilma bħal Kristu?

- "…niżlu t-tnejn fl-ilma , hu u Filippu, u dan għammdu. Malli telgħu mill-ilma…" (Atti 8:38-39) – Inti żgur minnek innifsek li tgħammidt bħalma kienu jgħammdu l-appostli? Kif ordnalhom il-Mulej?
- "Hu sejjaħ lejh tfajjel ċkejken, qiegħdu f'nofshom u qalilhom: "Tassew, ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet" (Mattew 18:2; ara wkoll Luqa 18:15-17) – Temmen int lil Kristu li fl-Iskrittura Mqadd-sa *mkien* ma ssib magħmudija tat-trabi għaliex huma m'għand-homx il-bżonn li jikkonvertu? "Għax ta' dawn hija s-saltna…" (Mattew 19:14).
- "Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħad *ma tagħmlux* dak li ngħid jien" (Luqa 6:46). "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin" (Atti 5:29) – Lest int li "tagħmel" dak li jgħid il-Mulej u tobdi Lilu?
- "Tħallu lil ħadd iqarraq nbikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux" (Efesin 5:6) – Tinsab int żgur minnek innifsek li m'intix imqarraq għaliex jekk le tinżel il-korla t'Alla fuqek!!!
- "…huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu" (Atti 17:11) – Qatt int qallibt l-Iskrittura biex tara jekk dak li temmen hux minnu jew le? Jiġifieri jekk hux minn Alla jew mill-bnedmin?
- Jekk trid li ssalva ikteb lill-Knisja ta' Kristu, Flat 1, Polytechnic Flats, Ġużè Debono Square, Msida MSD 10 u itlob għall-kors bil-korrispondenza tal-Bibbja jew għal appuntament biex tiddiskuti ma' wieħed mill-għalliema.
- J'Alla nħajruk biex issir sempliċiment Kristjan u xejn aktar. Nawgu-rawlek kull sliem u saħħa li jista' joffri Alla.